

Brussell, 12 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11075/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0212(BUD)**

**FIN 762
INST 269
PE-L 29**

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023: Pożizzjoni tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2023 (**AB 2023**) kif propost mill-Kummissjoni Ewropea jammonta¹ għal:

- EUR 185 591 miljun f'approprjazzjonijiet **ta' impenn**²;
- EUR 166 268 miljun f'approprjazzjonijiet **ta' pagament**².

Meta mqabbla mal-baġit għall-2022³, dawn l-ammonti jirrapreżentaw żieda ta' +2.05 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u tnaqqis ta' –2.54 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

¹ Dawn l-ammonti jinkludu l-approprjazzjonijiet previsti għal strumenti speċjali barra l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

² Li minnhom EUR 1 657 miljun ta' aġġustamenti speċifiċi għall-programm jirriżultaw mill-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP.

³ Abbozzi ta' baġits emendatorji Nri 2/ 2022 sa 4/2022 mhux inklużi.

II. APPROĊĊ LI TTIEĦED MILL-KUMITAT TAL-BAĠIT

Il-Kummissjoni ppreżentat l-AB 2023 fis-7 ta' Ġunju 2022. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-AB 2023 matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2022 abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linja gwida baġitarji għall-2023⁴, b'mod partikolari: ibbaġitjar prudenti u realistiku, riżorsi adegwati biex jappoġġaw prijoritajiet stabbiliti b'mod ċar u marġnijiet suffiċjenti taħt il-limiti massimi biex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti.

Il-ħidma tal-Kumitat tal-Baġit kienet ikkumplikata bil-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat proposta tal-baġit li ħalliet barra dispożizzjonijiet biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet relatati mal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt ekonomiku, soċjali u umanitarju potenzjali tagħha, flimkien ma' fatturi oħra, bħall-inflazzjoni għolja (u l-iżvilupp relatat ta' rati tal-imgħax li qed jiżdiedu). Fid-dawl ta' dawn l-inċertezzi, il-Kumitat tal-Baġit ikkunsidra li kien meħtieġ li jiżdiedu l-marġnijiet fil-baġit b'mod sinifikanti biex jipprovdu flessibilità baġitarja suffiċjenti.

F'dan l-isfond, il-Kumitat tal-Baġit wettaq analiżi dettaljata tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għal kull programm u azzjoni skont il-linja baġitarja, sabiex jiżgura:

- marġnijiet suffiċjenti biex jiġu koperti l-ħtiġijiet finanzjarji li għandhom jiġu ddetaljati fix-xhur li ġejjin u indirizzati mill-ittra emendatorja mistennija kmieni fil-ħarifa, prinċipalment fir-rigward tal-kriżi tal-Ukrajna;
- ir-riekwilibrju u l-istabbilizzazzjoni tal-livell ta' approprjazzjonijiet tal-programmi tan-nefqa li huma soġġetti għal żidiet skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)⁵ u li jibbenefikaw minn approprjazzjonijiet addizzjonali sinifikanti minn NGEU/dħul assenjat;
- aċċellerazzjoni xierqa tal-implimentazzjoni tal-programmi billi jiġu evitati żidiet eċċessivi meta mqabbla mal-2022.

⁴ Dok. 7218/22.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

Barra minn hekk, u għall-istess raġuni, huwa propost li ma jintużax l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju fl-2023 iżda li l-ammont propost jiġi pospost għat-tieni parti tal-perjodu tal-QFP.

Ir-risultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit huwa rifless fil-proposta biex l-appropriazzjonijiet ta' impenn jiġu aġġustati 'l isfel b'EUR 1 641.4 miljun.

Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet ta' pagament, il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis isir fuq linji b'appropriazzjonijiet mhux differenzjati u relatat mat-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn korrispondenti.

Ir-risultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit huwa rifless fil-proposta biex l-appropriazzjonijiet ta' pagament jiġu aġġustati 'l isfel b'EUR 530 miljun.

Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva, huwa mfakkar li huwa meħtieġ li jkun hemm konformità sħiħa mal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-QFP u li jiġu rispettati l-limiti massimi tan-nefqa annwali tal-QFP. Għal dan il-għan huwa importanti li l-istituzzjonijiet, inkluż il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iżommu n-nefqa f'dawn il-limiti, u jikkonformaw mal-mira li jstabilizzaw il-livelli tal-persunal.

Abbażi ta' dan, il-Kumitat tal-Baġit għamel l-aġġustamenti meħtieġa biex jiġi evitat l-użu tal-Istrument ta' Flessibilità taħt l-intestatura 7. Dan inkiseb bl-applikazzjoni ta' approċċ orizzontali b'żieda fir-rata ta' tnaqqis standard f'kull istituzzjoni, ħliet għall-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Ftehim bejn Ġentlomi.

Il-Ftehim bejn Ġentlomi tal-1970 huwa bbażat fuq fiduċja reċiproka u japplika biss sa fejn l-istima tan-nefqa tal-Parlament Ewropew ma tmurx kontra d-"dispożizzjonijiet Komunitarji". Huwa mfakkar li fil-baġit tal-UE għall-2022, il-Parlament Ewropew kien diġà talab u kiseb 142 post addizzjonali għall-pjan ta' stabbiliment tiegħu, kif ukoll 180 membru tal-persunal estern.

F'dak ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li, b'kont meħud tal-kuntest ferm inflazzjonarju fejn ir-rispett għal-limitu massimu tal-intestatura 7 fl-2023 jitqiegħed f'periklu, it-talba tal-Parlament Ewropew biex jiżdiedu 52 post fil-pjan ta' stabbiliment tiegħu kif ukoll 116-il persunal estern filwaqt li ma jikkontribwixxix għall-isforz tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha biex titnaqqas in-nefqa amministrattiva f'it li xejn hija kompatibbli mal-obbligi tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-QFP u mal-punti 129 u 130 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 dwar livell stabbli ta' persunal fl-istituzzjonijiet.

Barra minn hekk, it-talba tal-Parlament Ewropew tkompli tamplifika trajettorja diverġenti matul is-snin fl-ispejjeż amministrattivi tal-Parlament Ewropew meta mqabbla ma' dawk tal-Kunsill u tal-istituzzjonijiet l-oħra. Diverġenza bħal din turriskja serjament li timmina l-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali speċjalment f'sena meta r-rispett tad-dispożizzjonijiet baġitarji tal-UE jitlob tnaqqis fin-nefqa amministrattiva għall-istituzzjonijiet kollha.

Għalhekk huwa mistenni li, fil-qafas tan-negozjati li ġejjin għall-istabbiliment tal-baġit annwali tal-Unjoni għall-2023, il-Parlament Ewropew ser jimpenja ruħu b'mod kostruttiv dwar dawn il-kwistjonijiet bil-ħsieb li jiżgura l-bilanċ istituzzjonali u l-kondiviżjoni ġusta tal-piż impost miċ-ċirkostanzi diffiċli attwali, b'rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet baġitarji rilevanti tal-UE.

III. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI TAL-KUMITAT TAL-BAĠIT^{6,7}

Abbażi tal-approċċ imsemmi hawn fuq, u wara valutazzjoni bir-reqqa, il-Kumitat tal-Baġit irnexxielu jilħaq qbil dwar l-elementi kollha inklużi fil-**pożizzjoni attwali tal-Kunsill dwar l-AB 2023**, bl-unika eċċezzjoni tal-abbozz ta' baġit tal-Parlament li huwa msemmi fit-taqsima III.A.7 ta' dan id-dokument.

Il-**pożizzjoni attwali tal-Kunsill dwar l-AB 2023**, f'dan l-istadju, tkun tammonta⁸ għal:

- EUR 183 949.66 miljun f'approprjazzjonijiet ta' **impenn**;
- EUR 165 738.29 miljun f'approprjazzjonijiet ta' **pagament**.

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament previst fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2023 jikkorrispondi għal 1.01 % tad-dħul nazzjonali gross (DNG) tal-UE.⁹

F'dan ir-rigward, saru l-aġġustamenti li ġejjin għall-AB 2023:

A. NEFOA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP GĦALL-2021-2027

1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali (intestatura 1 tal-QFP)¹⁰

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' aġġustament totali ta' -EUR 1 234.6 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 imqassma fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, inkluż in-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ, relatati ma':
 - **01 - Riċerka u Innovazzjoni** (-EUR 783.2 miljun, li minnhom -EUR 663.2 miljun fuq *Orizzont Ewropa*, u --EUR 120 miljun fuq ir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*.),

⁶ Tabella b'sommarju tal-eżitu tal-proċedimenti tinsab fl-Anness 1 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

⁷ Ir-riżultati dettaljati relatati mal-oqsma ta' politika diversi jinsabu fl-Annessi 2 sa 6 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

⁸ Dawn l-ammonti jinkludu l-approprjazzjonijiet previsti għal strumenti speċjali barra l-QFP.

⁹ Abbażi tal-previżjoni tad-DNG ta' Mejju 2022.

¹⁰ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 366.9 miljun, li minnhom -EUR 177.6 miljun fuq il-*Fond InvestEU*, -EUR 5 miljun fuq il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali*, -EUR 180 miljun fuq il-*Programm Ewropa Diġitali*, -EUR 1.3 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* u l-*Aġenzija għall-Appoġġ għal BEREC (Uffiċċju BEREC)*, u -EUR 3 miljun fuq *Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*),
 - **03 - Suq Uniku** (-EUR 4.3 miljun, li minnhom -EUR 1.5 miljun fuq il-*Programm għas-Suq Uniku (inkluż SMEs)* u -EUR 2.8 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi*),
 - **04 - Spazju** (-EUR 80.2 miljun fuq il-*Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura*);
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 b'ammont totali ta' -EUR 378.15 miljun, bħala konsegwenza tal-aġġustamenti f' approprjazzjonijiet ta' impenn fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, relatati ma':
- **01 - Riċerka u Innovazzjoni** (-EUR 227.7 miljun, li minnhom -EUR 222.7 miljun fuq *Orizzont Ewropa*, u -EUR 5 miljun fuq *ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*),
 - **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 137.3 miljun, li minnhom -EUR 35 miljun fuq il-*Fond InvestEU*, -EUR 100 miljun fuq il-*Programm Ewropa Diġitali*, -EUR 1.3 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* u l-*Aġenzija għall-Appoġġ għal BEREC (Uffiċċju BEREC)*, u -EUR 1 miljun fuq *Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*),

- **03 - Suq Uniku** (-EUR 2.95 miljun, li minnhom -EUR 0.15 miljun fuq il-*Programm għas-Suq Uniku (inkluż SMEs)*, u -EUR 2.8 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati, jiġifieri l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi*),
 - **04 - Spazju** (-EUR 10.2 miljun fuq il-*Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 1 ikun ta' EUR 1 394.03 miljun.

2. **Koeżjoni, Reiljenza u Valuri** (intestatura 2 tal-QFP)¹¹

- a) **Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali** (subintestatura 2a tal-QFP)
- jiġi aċċettat kemm il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament kif inhu (EUR 62 922.98 miljun u EUR 49 131.08 miljun, rispettivament) fl-AB 2023 kif propost mill-Kummissjoni Ewropea;
- il-**marġini disponibbli** taħt is-subintestatura 2a jkun ta' EUR 16.02 miljun, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea.
- b) **Reżiljenza u Valuri** (subintestatura 2b tal-QFP)
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 237.6 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, inkluż in-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ, relatati ma':
- **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 197 miljun fuq il-*Programm EU4Health*),

¹¹ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- **07 - Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri**
 (-EUR 40.6 miljun, li minnhom -EUR 4 miljun fuq il-*Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC)*, -EUR 9.1 miljun fuq *Ewropa Kreattiva*, -EUR 0.8 miljun fuq *Ġustizzja*, -EUR 5.9 miljun fuq il-*Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri*, -EUR 0.8 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)*, u -EUR 20 miljun fuq *Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 b'ammont totali ta' -EUR 31.8 miljun, imqassma fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, relatati ma':
 - **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 22 miljun fuq il-*Programm EU4Health*),
 - **07 - Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri**
 (-EUR 9.8 miljun, li minnhom -EUR 0.8 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)* u -EUR 9 miljun fuq *Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-margġni disponibbli taħt is-subintestatura 2b ikun ta' EUR 271.9 miljun.

3. **Riżorsi Naturali u Ambjent** (intestatura 3 tal-QFP)^{12,13}

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 45 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023, relatati ma':
 - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 45 miljun fuq il-*Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)*).
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 b'ammont totali ta' -EUR 6 miljun, relatati ma':
 - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 6 miljun fuq il-*Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)*).
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 3 ikun ta' EUR 117.44 miljun.

4. **Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri** (intestatura 4 tal-QFP)¹⁴

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 50 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2022, relatati ma':
 - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 50 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)*);

¹² Eżami ulterjuri tal-proposta ser isir fil-kuntest tal-ittra emendatorja annwali li taġġorna l-ħtiġijiet stmati u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola, kif tinsab fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament irreġistrata fl-Addendum 1 REV 1 għal dan id-dokument.

¹³ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

¹⁴ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 b'ammont totali ta' -EUR 50 miljun, relatati ma':
 - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 50 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)*);
- Għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat kemm il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 4 ikun ta' EUR 136.69 miljun.

5. Sigurtà u Difiża (intestatura 5 tal-QFP)¹⁵

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 11.7 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023, relatati ma':
 - **12 - Sigurtà** (-EUR 11.7 miljun, li minnhom -EUR 9.2 miljun fuq il-*Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)*, -EUR 0.5 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)*, u -EUR 2 miljun fuq *Azzjonijiet ifffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);
- l-istabbiliment tal-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2023 b'ammont totali ta' -EUR 1.5 miljun bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, fuq:
 - **12 - Sigurtà** (-EUR 1.5 miljun, li minnhom -EUR 0.5 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)* u -EUR 1 miljun fuq *Azzjonijiet ifffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni*);

¹⁵ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 5 ikun ta' EUR 56.59 miljun.

6. Viċinat u d-Dinja (intestatura 6 tal-QFP)¹⁶

- Jiġi aċċettat kemm il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagamenti kif propost mill-Kummissjoni (EUR 16 781.88 miljun u EUR 13 773.94 miljun, rispettivament);
- l-ebda **marġni disponibbli** ma jkun taħt l-intestatura 6, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea.

7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea (intestatura 7 tal-QFP)^{17,18}

a) Taqsimi I - Parlament Ewropew

Għall-**Parlament Ewropew**, huwa ssuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiġix modifikata u li jiġu previsti EUR 2 267.98 miljun.

b) Taqsimi II - Kunsill Ewropew u Kunsill

Ammont globali ta' EUR 647.64 miljun huwa ssuġġerit għall-**Kunsill Ewropew u l-Kunsill**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill jizjed b'1.8 punti perċentwali (-EUR 6.70 miljun).

¹⁶ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

¹⁷ L-ammonti jeskludu l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-Iskejjel Ewropej (Tip 2). Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2023 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2.

¹⁸ Ara d-dikjarazzjoni dwar it-taqsimi tal-baġit tal-Parlament Ewropew stess fl-Addendum 1 REV 1 għal dan id-dokument.

c) **Taqsimha III - Kummissjoni Ewropea**

Ammont globali ta' EUR 4 064.50 miljun huwa ssuġġerit għan-**nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea** (inkluż OP, OLAF, EPSO, PMO, OIB u OIL).

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Kummissjoni jiżdied b'1.8 punti perċentwali (EUR 36.80 miljun u —EUR 1.60 miljun rispettivament).

L-ammont globali ta' EUR 2 614.33 miljun għal **Skejjeġ u Pensjonijiet Ewropej** huwa aċċettat kif inhu fl-AB 2023.

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP)

Ammont globali ta' EUR 120.22 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**OP**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-OP jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 0.99 miljun).

Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

Ammont globali ta' EUR 27.96 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**EPSO**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-EPSO jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 0.17 miljun).

Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO)

Ammont globali ta' EUR 51.51 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**PMO**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-PMO jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 0.31 miljun).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB)

Ammont globali ta' EUR 90.5 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**OIB**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-OIB jiżdied b' 1.8 punti perċentwali (-EUR 0.88 miljun).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu (OIL)

Ammont globali ta' EUR 29.23 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**OIL**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-OIL jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 0.2 miljun).

Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Ammont globali ta' EUR 63.68 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**OLAF**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-OLAF jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 0.60 miljun).

d) Taqsimu IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Ammont globali ta' EUR 486.38 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 4.86 miljun).

e) **Taqsimha V - Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Ammont globali ta' EUR 174.91 miljun huwa ssuġġerit għall-**Qorti Ewropea tal-Awdituri**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 1.7 miljun).

f) **Taqsimha VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Ammont globali ta' EUR 158.56 miljun huwa ssuġġerit għall-baġit tal-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 1.54 miljun).

g) **Taqsimha VII - Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

Ammont globali ta' EUR 116.1 miljun huwa ssuġġerit għall-**Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew jiżdied b'1.8 punti perċentwali (-EUR 1.2 miljun).

h) Taqsimha VIII - Ombudsman Ewropew

Ammont globali ta' EUR 12.93 miljun huwa ssuġġerit għall-**Ombudsman Ewropew**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-Ombudsman Ewropew jiżdied b'1.8 punti perċentwali -(EUR 0.17 miljun).

i) Taqsimha IX -Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Ammont globali ta' EUR 21.99 miljun huwa ssuġġerit għall-**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tas-Superviżur Ewropew jiżdied b'1.8 punti perċentwali -(EUR 0.18 miljun).

j) Taqsimha X - Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Ammont globali ta' EUR 820.98 miljun huwa ssuġġerit għas-**Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**.

F'konformità mal-approċċ orizzontali applikat għall-istituzzjonijiet, huwa ssuġġerit li t-tnaqqis fuq is-salarji b'rata fissa standard tal-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiżdied b'1.8 punti perċentwali -(EUR 4.60 miljun).

Il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 7 ikun ta' EUR 32.7 miljun.

B. STRUMENTI SPEĊJALI

Huwa ssuġġerit li jinżammu l-appropriazzjonijiet imdaħħla fl-AB 2023 għar-Riżerva ta' Solidarjetà u ta' Għajnuna ta' Emerġenza u għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Istrument ta' Flessibbiltà, l-użu ta' EUR 62.5 miljun għall-Intestatura 7 mhuwiex aċċettat.

C. DĦUL

Fir-rigward tad-dħul, huwa ssuġġerit li l-AB 2023 jiġi aċċettat wara l-aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-bidliet magħmula fir-rigward tan-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

D. ASPETTI ĠENERALI OĦRA

1. Kummenti baġitarji

Hu ssuġġerit li l-kummenti baġitarji li jinsabu fl-AB 2023 jiġu allinjati mal-bidliet li saru fin-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill u b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-finanzjament tal-korpi differenti tal-UE.

Huwa ssuġġerit li tiġi mmodifikata r-rimarka tal-baġit relatata mal-*Artikolu 30 02 02 — Appropriazzjonijiet differenzjati* biex fid-diżaggregazzjoni (a/i, a/p) jiġu inklużi wkoll:

- *Artikolu 01 02 02 42 Raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju" - Impriża Konġunta taċ-Ċipep* (EUR 108 miljun f'a/i u EUR 60 miljun f'a/p);
- *Artikolu 01 02 03 01 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni* (EUR 75 miljun f'a/i u EUR 45 miljun f'a/p);
- *Artikolu 02 04 06 11 Semikondutturi - Impriża Konġunta taċ-Ċipep* (EUR 100 miljun f'a/i u EUR 50 miljun f'a/p);
- *Artikolu 04 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura* (EUR 0.2 miljun f'a/i u f'a/p).

2. Nomenklatura

Rigward in-nomenklatura, hu ssuġġerit li jiġi aċċettat l-AB 2023.

3. Bażijiet legali

Qed tingħata attenzjoni speċjali biex issir konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-bażijiet legali.

IV. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar:
 - l-eżitu tal-proċedimenti kif imniżżel fil-punt III hawn fuq, inkluż il-pożizzjoni dwar l-Intestatura 7, kif imsemmi fit-taqsimha III.A.7 ta' dan id-dokument,
 - l-għoti ta' mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra li tinsab fl-ANNEXS għal dak il-għan,
 - li jiġi propost li l-Kunsill idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet irreġistrati fl-Addendum 1 REV 1 għal dan id-dokument,
 - li jordna l-pubblikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif tinsab fid-dokument 11076/22;
- jiddeċiedi b'unanimità, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Għandek issib separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 kif adottata mill-Kunsill.

(Formula ta' għeluq)
